**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/5-2011(25_06_2011).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 25 ta' Ġunju 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fid-9.00 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson* li wasal fil-laqgħa fl-10.20 ta' filgħodu.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Ġunju 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Sejħa għall-Offerti – PPP fuq Toroq.
3. Proġetti ppjanati u pendenti mill-Kumitat Amministrattiv fix-Xlendi.
4. Attivitajiet għas-sajf fix-Xlendi.
5. Memo 55/2011 Proġetti mill-Kumitat Amministrattiv.
6. Rapport taċ-*Chairperson*.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/4-2011(30_04_2011).

**2.00 Sejħa għall-Offerti – PPP fuq Toroq.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar kemm ser jgħaddi ammonti skont iċ-ċifri li l-Kunsill irċieva mill-offerti. Il-persentaġġ li jingħata mingħand id-Dipartiment ser ikun dak li jiġi l-orħos u għal fini ta' pagamenti, l-Kunsill imur għall-*Option A* li jfisser li l-Kunsill jagħżel l-iskema tal-*Public Private Partnership* fuq 8 snin u d-Dipartiment jgħaddi 30% ta' l-offerta magħżula skont kif stabbilit fl-iskema msemmiha.

Dawn huma l-kalkoli li għamel il-Kunsill:

*Budget* għat-tiswija ta' Toroq għall-Kunsill Lokali tal-Munxar - €50,500 kull sena.

Spiża totali sabiex jitlestew ix-xogħlijiet - €434,289.

<u>*Option A* – 8 snin</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tlestija tax-xogħlijiet | 40% | - | €173,715 |
| Tmiem ta' l-ewwel sena | 20% | - | €86,857 |
| Tmiem tat-tieni sena | 10% | - | €43,428 |
| Tmiem tat-tielet sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tar-raba' sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tal-ħames sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tas-sitt sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tas-seba' sena | 5% | - | €21,714 |
| Tmiem tat-tmien sena | 5% | - | €21,714 |

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser iħallas - €130,286.94.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat illi jekk il-proġett jitħallas fuq sentejn minflok 8 snin ser jiġi ffrankat madwar €86,840.00. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kunsill/Kumitat Amministrattiv jagħżel *Option B* iżda qed jiġi mitlub li d-Dipartiment ikopri wkoll is-somma ta' €93,724.75.

Il-proposta hija din:

Gatt Tarmac Ltd. qed jitlob €347,449.5 u jitħallsu fuq sentejn – *Option B*.

Il-Kunsill huwa f' pożizzjoni li jikkontribwixxi €40,000 kull sena – total ta' €80,000.

Id-Dipartiment diġa' wiegħed li se jikkontribwixxi 50% jiġifieri €173,724.75.

Mill-Proġett kollu jibqa' bilanċ ta' €93,724.75.

Għaldaqstant il-Kunsill/Kumitat Amministrattiv qed jitolbu lid-Dipartiment sabiex jikkontribwixxi wkoll il-bilanċ tal-proġett jiġifieri €93,724.75.

**3.00 Proġetti ppjanati u pendenti mill-Kumitat Amministrattiv fix-Xlendi.**

3.01 Iċ-*Chairperson* u s-Sindku kellmu kemm-il darba lill-Perit John Saliba sabiex ilesti x-xogħol iżda baqa' ma lesta xejn. L-aħħar li ġie kkuntatjat, huwa informa lill-Kumitat li ser iżomm il-proġett ta' Triq il-Kantra. Ma huwiex ser iżomm il-proġett ta' Eco-Gozo ta' Triq San Xmun. Ġie deċiż li jiġi kkuntatjat il-Perit William Lewis dwar il-proġett ta' Triq San Xmun.

**4.00 Attivitajiet għas-sajf fix-Xlendi.**

4.01 Iċ-*Chairperson* spjega dwar l-*open air cinema* li ser issir fix-Xlendi. Din tkun attivita' fejn jintwera DVD li ma jkunx *mainstream* iżda jkun modern klassiku jew rebbieħ ta' *film festival*. Dawn l-attivitajiet ser ikunu b' xejn. Il-ġranet li ser jintwera *film* ser ikunu 21 ta' Lulju 2011, 25 t' Awwissu 2011 u 15 ta' Settembru 2011. Il-Kumitat kien ser iġib il-permess mingħand il-PRS Ltd. u jiġbor stimi għall-*big screen* u *sound*.

4.02 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li l-Fjakkolata ssir darba kull xahar u ssuġġerixxa li ssir fis-16 ta' Lulju 2011, 9 t' Awwissu 2011 u 3 u 4 ta' Settembru 2011. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kumitat ser jiġbor stima sabiex xi ħadd jixgħel il-fjakkoli.

**5.00 Memo 55/2011 Proġetti mill-Kumitat Amministrattiv.**

5.01 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jerġa' jniedi Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti u Inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi. Din l-iskema ta' fondi hi mmirata li tgħin proġetti u inizjattivi fl-inħawi li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Kumitat Amministrattiv. L-applikazzjoni, li jista' jkollha iktar minn proġett/inizjattiva waħda ma tridx taqbeż l-ammont ta' €20,000 u trid tasal id-Dipartiment fuq formola sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' Lulju 2011.

Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir passaġġ tul Triq San Xmun li joħroġ 'il barra mill-wisa' tat-triq eżistenti u jkun pedonali biss. Il-Kumitat ser iressaq din il-proposta lill-Perit William Lewis.

**6.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

6.01 Iċ-*Chairperson* qed jissuġġerixxi sabiex il-Kumitat Amministrattiv jagħmel *notice board* biex jitpoġġew *posters* u avviżi tal-Kumitat. L-aħjar post sabiex din tkun fiċ-Ċentru huwa l-*Ex* APS *Kiosk*.

6.02 Iċ-*Chairperson* jixtieq jissuġġerixxi lill-Kumitat Amministrattiv sabiex isiru żewġ arbli ta' l-i*stainless steel* u jitwaħħlu bandiera tal-Munxar u oħra tax-Xlendi u jsiru quddiem il-bankijiet fejn ir-ramel tax-Xtajta.

6.03 Il-ħaddiema tal-IPSL ser jibdew xogħol ta' żebgħa fuq il-*bollards* ta' Triq San Xmun, marki tat-toroq u *patching* fil-*boatyard*. Il-Kumitat ser jipprova sabiex il-Bajja tibda titnaddaf bil-kopp. Peress li l-Għassa tal-Pulizija ma hijiex tiftaħ 24 siegħa kuljum, qed issir talba sabiex jiżdiedu l-ħinijiet tal-ftuħ.

6.04 Iċ-*Chairperson* semma dwar l-iskart li qed jitpoġġa quddiem is-C7. Dan qed jitpoġġa mis-Sidien ta' Stabbilimenti u għalhekk huwa u s-Sindku kienu ser ikellmu lis-sidien u jispjegawlhom li jistgħu jużaw il-*bring in sites* għall-materjal riċiklabbli li saru għas-Sidien ta' Stabbilimenti. Il-*bring in sites* li jużaw ir-residenti qed ikunu ta' spiss mimlija u hemm bżonn li jitbattlu aktar ta' spiss.

Il-ħin kien l-10.20 ta' filgħodu u s-Sur Mark Anthony Busuttil – Viċi-*Chairperson* wasal fil-laqgħa.

6.05 Iċ-*Chairperson* irrakkomanda li jsiru żewġ bozoz *water proof* sabiex jiddawwal l-Għar tal-bajja kif ukoll isir fanal bil-bozza ta' fjamma u xi dwal mill-art.

6.06 Il-Kennies li tqabbad mill-Kumitat sabiex jiknes it-toroq, ser nejdulu biex jibda jneħħi *posters* li jkunu mwaħħla. Il-ħaddiem ta' l-IPSL ser jingħata karretta biex iġorr kontenituri wżati għall-ħżin jew ġarr ta' l-ilma u jsaqqi l-pjanti ta' ġol-*pots*. Il-ħmieġ li hemm fil-P*arking* qrib il-*boathouses* ser jitnaddaf hekk kif il-Kumitat iġib *open skip* lill-ħaddiema. Ser issir ċavetta tal-kamra tal-*winch* sabiex f' attivitajiet nieħdu d-dawl u anke' l-ilma għat-tisqija tal-pjanti.

6.07 Il-Proprjetarju tal-Cool Bar ta' Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi talab sabiex jitneħħew żewġ bankijiet li hemm in-naħa l-oħra tat-triq biex ikun jista' japplika u jpoġġi mwejjed u siġġijiet. Il-Kumitat ma jsibx oġġezzjoni li jitneħħew dawn iż-żewġ bankijiet iżda dawn jitneħħew meta jġib il-permessi mill-Awtoritajiet konċernati.

Peress li s-Sindku kellu appuntament ieħor, huwa talab lill-Kumitat sabiex isemmi tliet punti:

- Is-slielem ta' quddiem is-St. Patrick's Hotel ser jitwaħħlu. Huwa informa lill-Kumitat li jekk irid jagħmel aktar slielem tal-baħar, il-Kumitat jipprovdi l-kanen ta' l-i*stainless steel* u t-Taqsima tal-Manutenzjoni jagħmlu x-xogħol b' xejn.

- Il-Ħadd, 26 ta' Ġunju 2011 kien ser jitwaħħlu l-bqija tal-bankijiet tax-Xlendi.

- Is-Sindku ġie avviċinat mis-Sid il-Lukanda Xlendi rigward ir-*road hump* li hemm fi Triq San Xmun. Peress li din ir-*road hump* tiġi taħt il-kmamar tal-Lukanda, qed tkun ta' inkonvenjent għar-residenti. Huwa talab li din ir-*road hump* titneħħa. Kien hemm qbil li din titneħħa.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment mingħand Transport Malta li fi Triq ix-Xatt qed jidħlu *motorized bicycles*. Peress li t-tabella li hemm qed tindika 'No Bicycles' trid issir 'No Motorized Bicycles except to render a Service'.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ittra mingħand l-Arkivju Nazzjonali Għawdex fejn qed jirringrazzja lill-Kumitat li aċċetta l-proposta għall-proġett ta' sett 20 kartolina fl-okkażżjoni tat-tifkira li sejra ssir f' għeluq il-Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u l-għotja ta' ħamsa u sittin Ewro mill-Kumitat.

7.03 Il-Kumitat irċieva ilment rigward dik il-*plot* il-vojta tal-kantuniera ta' Triq ir-Rabat ma' Triq il-Ġostra. Din il-*plot* għandha titnaddaf u ċ-ċint isir għoli. Iċ-*Chairperson* kien ser ikellem lis-sid.

7.04 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fis-snin l-imgħoddija kien sar ġbir ta' skart fil-ħdud fix-Xlendi mill-ewwel Ħadd ta' Lulju sa l-aħħar Ħadd ta' Settembru u kien isir fid-9.30 ta' filgħodu. Kien hemm qbil li dan is-servizz jerġa' jingħata għal din is-sena.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fil-11.00 ta' filgħodu u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar is-Sibt, 30 ta' Lulju 2011, fid-9.00 ta' filgħodu.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***